# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 525/12JPG**

**Nutar Marilena Cristina bħala mandatarja speċjali ta' Dr Robert Cuschieri u Dr Robert Cuschieri li assuma l-atti fid-9 ta' Jannar 2013**

**v.**

**Kummissjoni Dwar Is-Servizz Pubbliku u b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2012, ġew kjamati fil-kawża Dr Angela Sultana, Dr Predrag Andrejevic u Dr Josephine Psaila**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-Kummissjoni intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru, 2013, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-ewwel talba attriċi billi sabet

li l-Kummissjoni intimata kienet imxiet *ultra vires* u ħaddmet ħażin il-liġi li kienet tgħodd għall-każ; ċaħdet it-tieni talba attriċi dwar il-kriterji ta' eliġibilità li kienu jgħoddu għall-każ kif ippubblikati fl-avviż għas-sejħa tal-applikazzjonijiet ta' Lulju tal-2010; laqgħet it-tielet talba attriċi u sabet li l-attur kien eliġibbli taħt il-kriterji ippubblikati fl-imsemmi avviż għas-sejħa tal-applikazzjonijiet; laqgħet in parti r-raba' talba attriċi w ordnat lill-Kummissjoni intimata li tkompli bi proċess ġdid ta' għażla "b'dana li l-kriterji rikjesti għall-applikanti għandhom jirreferu għall-istess terminu t'esperjenza indikat fis-sejħa oriġinali, liema esperjenza għandha tiġi kalkolata minn data sussegwenti għal dan il-ġudizzju" u ikkundannat lill-istess Kummissjoni intimata tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti jirrizulta illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet harget sejha fil-Gazzetta tal-Gvern u dan fl-20 ta' Lulju 2010 ghall-applikazzjonijiet ghall-posizzjoni ta'* ***Designate Consultant Surgeon*** *li twassal ghall-hatra ta'* ***Consultant Surgeon*** *b'interess specjali fil-Hepato Pancreato Biliary Surgery fil-Ministeru ghas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunità - vide Gazzetta tal-Gvern ta' 18621 a fol 9 tal-process.*
>
> *"Illi r-rikorrent Robert Cuschieri kien applika ghal din il-posizzjoni u permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2011 mill-Kummissjoni intimata stess kien gie infurmat li kien ikklassifika l-ewwel f'din is-sejha – vide Dok RC2 a fol 17 tal-process.*
>
> *"Permezz ta' ittra datata 8 ta' Gunju 2011, ir-rikorrent kien gie infurmat mill-Kummissjoni intimata li fil-fatt, ab initio, ma kienx eligibbli sabiex japplika ghal din is-sejha il-ghaliex, ai tenur tal-paragrafu 6(e) (erronjament indikata bhala 6(d) fl-ittra imsemmija – Dok RC3 a fol 19 tal-process) tal-istess applikazzjoni, kien jirrikjedi li kull kandidat ikollu sentejn esperjenza full time bhala specjalisti fit-General Surgery. Il-Kummissjoni intimata sostniet li nonostante li kien appuntat bhala*

***Resident Specialist** fil-1 ta' Jannar 2008 (u cioe` iktar minn sentejn qabel l-applikazzjoni imsemmija), r-rikorrent fil-fatt ottjena 'certificate of completion of training' f'Gunju 2010. L-ittra kompliet billi indikat l-Artikolu 29(1) tal-Health Care Professions Act li jipprovdi li hadd ma jista' jipprattika jew jissejjah specjalist jekk dan ma ghandux ismu mnizzel fir-Registru tal-iSpecjalisti ghal perjodu ta' sentejn. Ghalhekk l-Kummissjoni qalet li :*

> ***"in keeping with this provision of the Act, only your service as Resident Specialist after the date of your registration by the Medical Council as a specialist in general surgery should be taken into account for the purposes of paragraph 6(d) (sic) of the call for applications. On this basis you do not fulfil the requirement of two years' specialist experience and you should therefore be considered ineligible for the position of Designate Consultant Surgeon..."***

*"Illi irid jinghad li l-Kummissjoni intimata akkordat lir-rikorrent possibilità li jirribatti l-konkluzzjonijiet taghha. Ma jidhirx li hemm appell lil xi tribunal jew bord indipendenti u ghalhekk l-argumenti regghu tressqu quddiem l-Kummissjoni.*

*"Permezz ta' ittra datata 17 ta' Gunju 2011 u fil-10 ta' Novembru 2010[1] (Dok RC7 a fol 28 sa 31 tal-process), l-Kummissjoni regghet ikkonfermat id-decizjoni taghha li teskludi lir-rikorrent mill-applikazzjoni.[2]*

*"Illi jirrizulta li r-rikorrent kien lahaq fil-kariga ta' **Senior Registrar in General Surgery f'Novembru 2007**, liema nomenklatura nbidlet b'effett mill-**1 ta' Jannar 2008 ghal Resident Specialist (Surgery).** Ir-rikorrenti xehed illi l-grad ta' Senior Registrar kien rikonoxxut bhala grad ta' specjalista u fix-xhieda tieghu viva voce nhar il-10 ta' Jannar 2013 – vide fol 171 et. seq., ir-rikorrent jispjega li **fil-fatt li huwa kien eligibbli sa minn Novembru 2007 sabiex jitnizzel fir-Registru tal-iSpecjalisti** izda minhabba decizjonijiet amministrattivi[3] **huwa ma nghatax il-fakoltà li jaghmel l-Exit Exam qabel Gunju 2010**, meta huwa qaghad ghal dan l-ezami wahdu u ghadda. **Huwa nghata c-Certifikat ta' Specjalist Mediku fit-22 ta' Gunju 2010**, (- vide Dok RB8 a fol 237) minkejja dan izda, jidher li ismu **tnizzel fizikament fir-Registru tal-ispecjalisti fit-28 ta' Dicembru 2010.***

*"Il-Professur Godfrey Laferla a fol 250 et. seq. xehed, li kien konsulent fil-Kirurgija sa mill-1991 u membru jew Chairman fi varji bordijiet sabiex jinhatru tobba f'karigi fl-isptar. Huwa ikkonferma li meta persuna*

[1] *Recte: 2011*

[2] Fil-ittra datat 10 ta' Novembru l-Kummissjoni intimata ccarat il-fatt li fl-ittra taghhom tat-8 ta' Gunju irreferew erronjament ghall-Artikolu 6(d) minflok l-Artikolu 6(e) tas-sejha ghall-applikazzjoni.

[3] Fit-30 ta' Jannar 2013 xehed Gordon Caruana Dingli, Konsulent Kirurgu u Vici President tal-*Association of Surgeons of Malta* fejn spjega li kien hemm hemm perjodu ta' zmien ghal dawk li ma setghux jidhlu fuq ir-Registru awtomatikament, l-*Exit Exam* ma kienx disponibbli ghalihom. Jghid ukoll li meta huwa kien President l-*Association of Surgeons of Malta* kienet insistiet li r-rikorrent jaghmel l-*Exit Exam* gewwa Malta.

*tokkupa l-kariga ta' Senior Registrar jew l-ekwivalenti fil-Health Service, dik il-persuna tkun* ***ikkunsidrata bhala specjalista, 'from a clinical point of view he is a specialist.'*** *Huwa sostna li fis-sejha ghall-applikazzjoni mertu tal-proceduri odjerni, l-bord ma sab l-ebda problema rigward l-eligibilità tal-kandidati,* ***liema eligibilità giet interpretata bl-ghajnuna tar-rapprezentant tal-Kummissjoni intimata.***

*"Charles Polidano a fol 413 et. seq., spjega li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kummissjoni intimata. Huwa xehed li ftit granet wara li harget id-decizjoni tal-Bord Evalwattiv, il-Medical Association of Malta (M.A.M.) talbet lill-Kummissjoni intimata tindaga jekk il-kandidat li ntaghzel kienx jissodisfa r-rekwizit ta' sentejn esperjenza bhala specjalista. Ix-xhud qal ukoll li l-Kummissjoni kienet ukoll irceviet tliet petizzjonijiet mill-kjamati in kawza separatament. Huwa spjega li l-Kummissjoni intimata kienet ghalhekk kitbet lir-rikorrent ghal verifika u wara skambju ta' korrispondenza, gie deciz mill-Kummissjoni intimata li ghandu jigi rtirat ir-rizultat; ghandu jitwaqqaf Bord gdid u l-Kummissjoni tat ukoll id-direzzjoni u l-interpretazzjoni dwar l-eligibilità, specifikament li 'r-requirement ghal sentejn full time experience as a specialist in general surgery ghandha tigi interpretata fid-dawl tal-Health Care Professions Act.'*

*"Dr. Martin Balzan, President tal-Assocjazzjoni Medika (M.A.M.), xehed illi minkejja illi l-kumissjoni m'ghandha ebda obbligu skond il-ligi jew il-collective agreement li tibghat kopja tas-sejha t'applikazzjoni kienet saret prassi li dan isir sabiex il-M.A.M. tezaminha fid-dawl ta' collective agreement. Dr.Balzan xehed illi l-amendi li M.A.M. kienet issugerriet kienu tnejn: li designate consultant irid ikun fir-Registru tal-iSpecjalisti u li ilu jiprattika ta' specjalista ghal sentejn, u li l-ispecjalità kellha tkun f'general surgery il-ghaliex ma kienitx tezizti specjalità f'upper gastrointestinal surgery.*

*"Dawn il-bidliet jidhru f'Dok.MB1 u MB2 vide fol 363 sa 366.*

*"Il-Konsulent Gordon Caruana Dingli, President tal-assoccjazzjoni tal-kirurgi f'Malta fis-sena 2007 a fol 367 et. seq., ikkonferma li dak iz-zmien il-kjamat in kawza Predrag Andrejev kien Vici President, il-kjamata Angela Sultana kienet International Relations Officer, Maryrose Cassar Honorary Secretary, Simon Bugeja Assistant Secretary u Aaron Casha Tezorier, u Herman Borg Xuereb Public Relations Officer, vide Dok. GCD1 a fol 305.*

*"Huwa xehed li rwol tal-A.S.M. f'post graduate training kien li tifforma il-curriculum. Dan jghaddi lil SAC (Specialist Accreditation Committee) li finalment wara diskussjoni tiddikjara il-curriculum ufficjali li imbaghad tigi ppublikata fuq il-website. Il-konsulent Caruana Dingli ezebixxa Dok.GCD2. Il-konsulent Caruana Dingli spjega illi meta malta dahlet l-Unjoni Ewropea kien hemm perjodu ta' dak li jissejjah "****grandfathering"-*** *a fol 370****.*** *Gordon Caruana Dingli fisser li l-idea*

*kienet li jekk kien hemm xi hadd li digà specjalista m'ghaddiex ezamijiet jew forsi ma jkunx ghamel il-curriculum kollha xorta wahda jibqa' jahdem ta' specjalista. Ghal dawk illi kienu ghadhom fil-perjodu ta' stharrig (recte: taħriġ) jew saru specjalisti wara dan il-perjodu ta' grandfathering, kien hemm is-segwenti kriterji :*
*"1. Training ghal sitt snin;*
*"2. Completion Certificate ta' Basic Surgical Training ( CCBST);*
*"3. Higher Surgical Training b'assesment kull sena;*
*"4. Exit Exam.*

*"Il-konsulent Caruana Dingli xehed illi kien hemm zewg manjieri biex wiehed jiehu l-Exit Exam, cioé:*
*"1. Dik tas-sistema Ingliza;*
*"2. Ohra imsemmija UEMS cioe Exit Exam f'livell tal-Ewropa.*

*"Jidher li kien hemm problema li kien hemm perjodu fejn, it-tobba Maltin ma kinux eligibli sabiex jaghmlu l-ezami Ingliz waqt li l-ezami UEMS:* ***"ma baqghetx issir. Waqqfet."****-vide fol 372.*

*"Illi ghalhekk mis-sena 2007 sal-bidu ta'2010 ma kienx possibli li jsir Exit Exam. Minhabba din l-anomalija, l-konsulent Caruana Dingli u l-Post Graduate Training Committee ipproponiet li l-ezami tal-UEMS isir f'Malta u hekk sar.*

*"In kontro-ezami l-konsulent Caruana Dingli ikkonferma li qabel l-ispecjalisti kienu jmorru ghall-istharrig (recte: taħriġ) l-Ingilterra jew pajjizi ohra. Dan pero ma setghax isir f'2010 ghaliex inbiddlu l-ezamijiet – vide fol 378.*

*"Ghalkemm fiz-zminijiet tobba Maltin setghu jaghmlu l-MRCS jew FRCS, f'2010 it-tobba li ma kienux ghamlu l-istharrig (recte: taħriġ) fl-Ingilterra ma setghux jaghmlu dan l-ezami, apparti li kien hemm rekwiziti ohra.*

*"Skond il-minuti tal-laqgha tal-Post Graduate Training Committee (PTC) tas-7 t'April 2010 ezebiti mill-konsulent kirurgu Caruana Dingli (vide fol. 460 sa 461 tal-process), l-attur Robert Cuschieri kkompleta l-perjodu ta' training f'Gunju 2009. Jirrizulta illi ma setghu isiru ebda Exit Exams minn April 2009 sal-bidu ta'2010.*

*"Ms. Josephine Psaila, kjamata inkawza, a fol 429 et. seq. Xehdet illi hija gradwat bhala tabiba fis-sena 1985 u in segwitu tal-internship giet registrata fis-sena 1987. In segwitu saret Senior House Officer. Imbaghad Registrar u fin-1994 akkwistat FRCS. Fis-sena 1995 kisbet Diploma fl-Laproecopic Surgery Strasburg u cioe' fis-sena 2000 saret Senior Registrar. Kienet imizzla l-Specialist Accedetaion Register tal-General Surgery f'Malta fis-sena 2004 u f'2006 fl-Ingilterra. Ikkonfermat illi ghamlet nofs il-karrira taghha tahdem barra minn Malta. Kienet intghazlet bhala Senior Clinical Fellow, f'King College Hospital fl-Ingilterra u hadmet f'din il-pozizzjoni ghal sena u erba' xhur. Kient*

*Locum Consultant fil-Hepato Biliary Surgery f'King's minn 2004 sa 2006. Hija xehdet li kellha diversi pubblikazzjonijiet fil-British Journal of Surgery, World's Journal of Surgery u World Surgical Onchology, involuta fit-tghalim u tghallem kemm undergraduates u kif ukoll postgraduates, fil-medicina l-Università ta' Malta. Hija ikkonfermat a fol 434 tal-process illi insegwitu tal-applikazzjonijiet ghall-Designate Consultant, jidher illi hija kienet akwistat tlett marki anqas minn Dr. Cuschieri, u kienet sorpriza ferm b'dan ir-rizultat. Jidher illi inghatat 23 marka minn 40, fit-taqsima t'esperjenza, meta hija kienet l-unika wahda li kellha tlett snin esperjanza fil-Hepato Biliary Surgery.*

*"Dr. Predrag Andrejev, xehed li huwa gradwa mill-Università fis-sena 1989 u fl-1992 hadem bhala House Officer l-Isptar San Luqa. Fis-sena 1995 sar Senior House Officer fil-kirurgija. Ghamel l-ezami tal-FRCS fis-sena 2010 u f'2003 gie akkordat status ta' Specjalista minn SAC Committee ta' Malta. Huwa xehed li f'dawn l-ahhar ghaxar snin huwa hadem bhala specjalista u kompla l-istudji tieghu, infatti kiseb Diploma fl-Laparoscopy minn Strasburg University minn Pastor University fi Franza, f'2004 kiseb Diploma fil-Medicina tal-iSports u l-Ezercizzju, sar Faculty Member u ghalliem fl-akkademija internazzjonali tal-kirurgija f'Milan. Huwa ippubblika diversi artikli kemm lokalment u internazzjonalment, u jorganizza korsijiet f'Advanced Laparoscopy lokalment u internazzjonalment. Huwa xehed li jikkoordina Post Graduate Training ghal Higher Specialist Surgical Trainees. Huwa kien registrat fl-Specialist Register f'Novembru tas-sena 2003. Ghal dawn l-ahhar seba' snin huwa hadem bhala Specialist Surgeon – vide fol 438.*

*"**Ikkonsidrat:***

*"Illi din l-Qorti tibda biex tindirizza l-eccezzjoni imqanqla mill-Kummissjoni intimat u mill-kjamati in kawza fis-sens li din Qorti m'ghandhiex il-kompetenza rationae materiae sabiex tezamina l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*"Dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni jipprovdi is-segwenti:*

***'Il-kwistjoni jekk –***

***a. il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;***

***b. xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorità ohra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorità bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew***

> ***c. xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorità ohra tkunx qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,***
>
> ***ma ghandhiex tigi ezaminata minn ebda qorti.'***

*"Illi l-principju tal-istharrig gudizzjarju, fis-sens wiesa' tieghu, da parti tal-Qrati ordinarji ta' Malta kien ilu jigi mhaddan minn dawn il-Qrati ferm qabel l-introduzzjoni tal-ligijiet ad hoc rigwardanti l-judicial review ( vide Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) Jinghad ukoll li l-Qrati Maltin dejjem affermaw illi f'kaz ta' lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) japplikaw il-principji tal-Ligi Ingliza. (vide '**Cassar Desain vs Forbes noe' deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Jannar 1935;** u **'Lowell et vs Caruana et' deciza mill- Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu 1972**). Dawn il-principji jiggwidaw il-Qrati Maltin f'azzjoni da parti tac-cittadin li jirrikjedi stharrig gudizzjarju fuq decizjoni maghmula mill-Amministrazzjoni ta' pajjizna.*

*"B.L Jones awtur tal-ktieb Garner's Administrative Law, jiritieni:*

> ***"in circumstances where the gravamen of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a) where a statute expressly confers a right of appeal to a named court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory funcition, to ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed."*** *(**vide Jones, B.L., Garner's Administrative Law, a fol 107-108**)*

*"Illi ghaldaqstant fejn ic-cirkostanzi jaghtu wiehed x'jifhem illi l-ligi ma tippermettix azzjoni, **jibqa' inpregudikat il-poter inerenti tal-Qrati taghna** li jissindikaw l-ghemil ta' persuna, Bord, jew Awtorità biex jigi accertat illi d-decizjoni kienet wahda meqjusa, konformi mal-principji tal-gustizzja naturali, fil-parametri tal-ligi (intra vires) u li ma tecceditx il-limiti statutorji taghha (ultra vires) u dana skont il-principji generali tal-Ligi Amministrattiva.*

*"Illi fis-sentenza **"Dr Anthony Farrugia vs Electoral Commissioner" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 t'Ottubru 1996**, il-Qorti irriteniet illi l-Kummissjoni Elettorali kienet awtorità **kwasi gudizzjarja** u b'hekk ma kinitx soggetta ghar-regoli ta' stharrig dwar eghmil amministrattiv. Izda minkejja dan xorta wahda d-decizjonijiet tal-Kummissjoni setghu jigu*

*mistharga taht il-poteri konferiti lill-Qrati ordinarji biex tissindika decizjonijiet ta' kull awtorità gudizzjarja jew kwasi gudizzjarja.*

*"Illi fis-sentenza **"Anthony Cassar pro et noe vs Accountant General",** deciza mill-**P.A. tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 1998** dik il-Qorti sostniet illi:*

> ***"Ghandu jinghad li llum huwa stabbilit, mill-gurisprudenza taghna, li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsijasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex tassigura li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord u dan billi, la darba l-ligi afdat il-funzjoni kwazi - gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi."***

*"Inoltre, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza estera **"Secretary of State for Education and Science vs Tameside MBC"** [1977] fejn, il-Qorti Ingliza irritenew:*

> ***"It is not for any court of law to substitute its own opinion for [that of the Secretary of State]; but it is for a court of law to determine whether it has been established that in reaching his decision unfavourable to the Council he had directed himself properly in law and had in consequence taken into consideration the matters which upon the true construction of the Act he ought to have considered and excluded from his consideration matters that were irrelevant to what he had to consider."***

*"Illi l-principji tal-gustizzja naturali u l-principju li l-amministrazzjoni pubblika ghandha toqghod entro l-parametri tal-ligi huma dawn il-principji basici li l-amministrazzjoni pubblika ghandha thares meta tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tac-cittadin:*

> ***"The rules of Natural Justice denote certain principles which must be followed by all who discharge judicial functions. These are that a man must not be a judge in his own cause and that both parties must be heard. ...,***
>
> ***"When no statutory right of appeal is given from these special or administrative tribunals, their decisions are liable to review by the Courts of Law, only on purely technical grounds, such as lack of jurisdiction or want of natural justice."***
>
> ***(vide sentenza Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev Erik Golicher noe - Qorti ta' l-Appell deciza fis- 26 ta' Gunju 1953)***

*"Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi kull decizjoni amministrattiva inkluza decizjoni ta' awtorità pubblika (bhal ma hi l-Kummissjoni intimata), li taffettwa id-drittijiet tac-cittadin, u kull decizjoni ta' natura gudizzjarja jew kwasi gudizzjarja ta' xi Awtorità, Bord jew Tribunal, li jaffetwaw id-drittijiet ta' cittadini, huma effettivament sindakabbli mill-Qrati Ordinarji ta' pajjizna biex jigi assikurat illi decizjonijiet ma kienux bazati fuq xi enuncjazzjonijiet hziena jew inkompleti tal-ligi; jigi assikurat illi gew mizmuma l-parametri tal-ligi; li ma agixxewx ultra vires jew abbuzaw mid-diskrezzjoni taghhom u li gew rispettati l-principji tal-Gustizzja Naturali fil-process li jwassal ghal tali decizjoni u dana ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin.*

*"Din il-Qorti tqis li d-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni intimata biex teskludi lir-rikorrenti mis-sejha ta' applikazzjonijiet u b'konsegwenza l-ineligibbilità tar-rikorrenti ghall-posizzjoni ta' Designate Consultant Surgeon b'interess specjali fil-Hepato Pancreato Biliary Surgery hija sindakabbli da parti ta' din il-Qorti. Dan ghaliex huwa principju basiku tas-sistema gudizzjarja taghna, sorretta minn gurisprudenza kostanti, li l-qrati ordinarji ghandhom id-dmir li jaraw jekk decizjoni da parti tal-amministrazzjoni tal-pajjiz hija mehuda entro l-parametri tal-ligi u skont il-principji tal-gustizzja naturali.*

*"Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak sottomess mill-kjamati in kawza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (a fol 479 et seq tal-process) din il-Qorti fis-sindikar tad-decizjoni tal-Kummissjoni intimata fil-parametri fuq indikati* ***bl-ebda mod ma tkun qed tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha ma' dik tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku****.*

*"Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissjoni intimata qed tigi michuda.*

***"Ikkonsidrat:***

*"Illi l-Qorti tinnota li skont l-Artikolu 6(d) tas-sejha ghall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern, il-kandidat kellu jkollu:*

> *"(i) certifikat li t-tahrig fil-General Surgery kien gie kompletat,*
> ***jew***
> *(ii) ismu mnizzel fil-General Surgery Specialist Register,*
> ***jew***
> *(iii) li jkun gie approvat biex ismu jitnizzel fil-General Surgery Specialist Register. (Enfasi ta' din il-Qorti)*

*"Jirrizulta li r-rikorrent kien jissodisfa dan l-Artikolu ghaliex huwa kien ottjena c-certifikat li kkompleta t-tahrig fil-General Surgery fit-22 ta' Gunju 2010 –vide Ittra tal-Kummissjoni datata 8 ta' Gunju 2011 a fol 19 tal-process. Jirrizulta b'mod car illi dawn ir-rekwiziti kienu alternattivi u*

*mhux mandatarji, f'sens li jekk applikant jissodisfa wahda mill-kriterji mahsuba taht Artikolu 6(d) certament ma kienx hemm htiega li jissodisfa ir-rekwiziti taht Artikolu 6(d)(ii) jew 6(d)(iii).*

*"Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li hija ghandha tezamina jekk il-kriterju ta' ghazla hekk kif imnizzel* ***fl-Artikolu 6(e)*** *tas-sejha tal-applikazzjoni u cioe`:*
***"li l-applikant ghandu ikollu sentejn esperjenza full time bhala specjalist fil-General Surgery",*** *gie applikat tajjeb mill-Kummissjoni.*

*"Illi l-Kummissjoni rabtet l-Artikolu 6(e) ma' l-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"L-Artikolu 29(1) jghid:*

> ***"Ħadd ma għandu jeżerċita bħala, jew jagħmilha ta', speċjalista kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti."***

*"Il-Kummissjoni fl-interpretazzjoni taghha derhilha li malli jonqos ir-rekwizit tar-registrazzjoni (mhux kontestat il-fatt r-rikorrenti ma kienx Registrat meta tefa' l-applikazzjoni) jonqos konsegwentement ir-rekwisit taht Artikolu 6(e) tas-sejha, u cioé, li l-applikanti irid ikollhom sentejn esperjenza full-time bhala specjalisti fil-General Surgery.*

*"Fil-fehma tal-Kummissjoni l-applikant kellu jkun imnizzel fir-Registru tal-iSpecjalisti sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni biex ikun eligibbli.*

*"Illi l-Qorti pero' ma tistax tanalizza l-Artikolu 6(e) tas-sejha ghall-applikazzjoni de quo minghajr ma thares lejn ir-rekwisiti imsemmija fl-Artikolu 6(d) tal-istess u dan ghaliex l-Kummissjoni intimata rabtet l-Artikolu 6(e) mar-registrazzjoni ta' specjalisti skont l-Kap 464 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt l-Artikolu 6(d) titkellem anke dwar l-istess Registru.*

*"Skont l-Artikolu 6(d):*

> *"Sal-hin u d-data tal-gheluq ta' din is-sejha ghall-applikazzjonijiet, l-applikanti ghandhom -*
>
> *d) Ikollhom:-*
> *'(i) Certifikat mahrug mill-iSpecialist Accreditation Committee ta' Malta li t-tahrig fil-General Surgery huwa komplut...*
>
> *JEW*
>
> *(ii) Ikollhom isimhom imnizzel fil-General Surgery Specialist Register;*
> *JEW*

*(iii) Ikunu approvati li isimhom jitnizzel fil-General Surgery Specialist Register;'*

*"Illi kif gjà intqal hawn gjaladabra r-rikorrent ikkawlifika taht l-ewwel kriterju tal-Artikolu 6(d), u cioé li kellu certifikat mill-Specialist Accreditation Committee ta' Malta li t-tahrig fil-General Surgery huwa komplut, iz-zewg rekwisiti l-ohra ma kinux mehtiega.*

*"Ghalhekk ma kienx mehtieg, skont l-applikazzjoni, li jkollu ismu mnizzel fil-General Surgery Specialist Register, jew li jkun approvat li ismu jitnizzel fil-General Surgery Specialist Register. Il-htiega li ikun imnizzel fil-Specialist Register gie eskluz mill-applikazzjoni stess. Meta harget is-sejha ghall-applikazzjoni l-Kummissjoni intimata ghalkemm konsapevoli tal-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta tant li kienet ipprovdiet ghalih fil-Artikolu 6(d)(ii) u (iii) tas-sejha, akkordat l-ewwel interpretazzjoni taghha lil kelma "specjalista" taht l-Artikolu 6(e) tas-sejha* ***skond il-prassi medika u mhux skond id-dettami tal-Artikolu 29(1) tal-Kap 464****.*

*"Isewgi minn din l-ewwel interpretazzjoni tal-Kummissjoni intimata l-fatt li, registrazzjoni fil-Registru tal-iSpecjalisti u il-hidma bhala specjalista kienu ghaliha zewg affarijiet differenti. Dan johrog mill-applikazzjoni stess u mill-ewwel rizultat tal-Kummissjoni, li mhux biss accettat l-applikazzjoni tar-rikorrent* ***izda gharrfitu li kien gie l-ewwel fost l-applikanti l-ohra****. Huwa evidenti minn kif giet imfassla l-applikazzjoni, u mir-rizultat tal-Kummissjoni illi dan kien l-interpretazzjoni li haddnet il-Kummissjoni.*

*"Kien biss wara ir-rimarki da parti tal-President tal-M.A.M. u l-kontestazzjoni da parti tal-kjamati fil-kawza, li l-Kummissjoni qalbet l-interpretazzjoni tar-rekwiziti tas-sejha tal-applikazzjonijiet.*

*"Illi l-Kummissjoni donnha warrbet ir-rekwizit fl-Artikolu 6(d) biex tiffoka biss fuq l-Artikolu 6(e) u rabtet dan ir-rekwizit, u cioe`, li 'ikollhom sentejn esperjenza full-time bhala specjalisti', totalment mal-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta, tant li dan l-Artikolu donnu issotitwixxa l-Artikolu 6(e) tas-sejha.*

*"Bir-rispett din il-Qorti tqis illi, fid-dawl tar-rekwiziti kollha tas-sejha ghal applikazzjonijiet, il-Kummissjoni intimata ma setghetx validatament u ragonevolment tasal ghal din it-tieni intepretazzjoni ghal diversi ragunijiet. Dan qieghed jinghad il-ghaliex l-Artikolu 6(d) tas-sejha* ***jeskludi bl-aktar mod car in-necessità tar-registrazzjoni tal-applikant fir-Registru tal-Specjalisti (basta li jikkwalifika taht kriterji ohra)****.*

*"Is-sinjifikat tat-tieni interpretazzjoni tal-Kummissjoni intimata logikament twassal ghal changing of the goal posts, twassal inevitabilment ghal konkluzjoni li l-kelma* ***"jew"*** *fl-Artikolu 6(d), fil-fatt,*

***kienet zbaljata*** *u* ***kellha taqra "and /u",*** *altrimenti l-Artikolu 6(e) tas-sejha ma jkunx jigi plakat mal-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464.*

*"Din it-tieni interpretazzjoni logikament twassal ukoll ghal konkluzjoni inevitabbli illi l-Artikolu 6(d)(ii) kien ghal kollox superfluwu.*

*"In oltre l-Qorti fis-sindikar taghha dwar tal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, ezaminat ukoll l-Artikolu 6(d)(iii).* ***Dan jghid sempliciment:***
***"or (iii.) be approved for inclusion in the general surgery specialist register".***

*"Il-Qorti issaqsi kif jista' applikant jikkwalifika taht l-Artikolu 6(d)(iii), waqt illi jissodisfa ir-rekwizit 6(e) kif interpretata mill-Kummissjoni? Jew applikant ghadu kemm gie approvat biex jigi inkluz bhala specjalista fir-Registru, jew hu registrat digà b'sentejn esperjenza. Illi ghaldaqstant din it-tieni interpretazzjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Artikolu 6(e) tas-sejha tirrendi intelligibbli l-Artikolu 6(d)(iii) tas-sejha.*

*"Huwa ferm aktar ragjonevoli illi l-interpretazzjoni tal-kelma 'specialist' fl-Artikolu 6(e) tas-sejha kienet intiza mill-Kummissjoni intimata biex issegwi il-prassi medika tal-passat, u ma kinetx thaddan l-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464.*

*"Illi l-Qorti taghraf illi jkun ghaqli li tezamina is-sinifikat jew it-tifsira tal-kelma 'specialist' , dan ma jistax isir kemm-il darba wiehed ma jindagax kif il-kelma 'specialist' zvolgiet fl-istorja mediko-legali ta' Malta. Huwa evidenti illi l-karigi tat-tobba fil-passat ricenti gew moghtija nomenklatura gdida, li hija s-segwenti:*

| *"**Nomenklatura fil-Passat :*** | ***Nomenklatura fil-Prezent:*** |
|---|---|
| ***House Officer*** | ***Foundation Doctor*** |
| ***Senior House Officer*** | ***Basic Surgical Trainee*** |
| ***Registrar Surgeon*** | ***Higher Surgical Trainee*** |
| ***Senior Registrar*** | ***Resident Specialist*** |
| ***Kariga ma kinetx tezisti*** | ***Designate Consultant*** |
| ***Consultant*** | ***Consultant*** |

*"Huwa daqs hekk iehor evidenti illi l-kariga ta' Resident Specialist ma kinetx wahda ivvintata mill-attur, izda hija kariga li giet imfassla mill-Gvern, kariga li ghaliha l-Gvern ta' Malta jaghti il-remunerazzjoni li jidhirlu xierqa kif jakkorda lil Resident Specialists ohra fl-isptarijiet governali ta' Malta. Li Gvern jattribwixxi n-nomenklatura ta' din il-kariga, jiehu l-beneficcju tax-xoghol ta' dik il-professjoni, johrog ir-remunerazzjoni mill-fondi pubblici u fl-istess hin jesponi lir-Resident Specialist ghal proceduri kriminali minhabba nomenklatura imfassla*

*mill-Gvern stess, la jaghmel sens, wisq anqas jista' jigi ritenut meta dan jesponi lil Ufficjali gholja tal-istess Gvern ghal passi kriminali. Certament ghaldaqstant din il-Qorti temmen illi t-tifsira tal-kelma 'specialist' fl-Artikolu 6(e) tas-sejha, moghtija mill-Kummissjoni intimata meta fasslet ir-rekwiziti tas-sejha, kienet it-tifsira tal-kelma skond il-prassi medika u mhux skond it-tifsira tal-kelma 'specialist' fl-Artikolu 29 tal-Kap. 464.*

*"Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li abbacjat is-sinjifikat tal-kelma 'specialist' skond l-Artikolu 29(1) ghal kelma 'specialist' skond 6(e) tas-sejha ma kinetx ragonevoli u ma setghatx tigi validament sostnuta fid-dawl tal-kriterji u rekwiziti l-ohra tas-sejha li gew rezi superfluwi jew addirettura konfliggenti.*

*"Il-Qorti rat u ezaminat it-tezi tal-Kummissjoni intimata u dik tal-kjamati in kawza, u taghraf illi l-ispjegazzjoni moghtija f'paragrafu erbatax tar-risposta tal-Kummissjoni, hija wahda mgebbda ghall-ahhar, u tinjora addirittura r-rekwizit 6(d) tas-sejha u kif din treggi fit-tifsira tal-ispjegazzjoni moghtija minnhom,.*

*"Din il-Qorti tqis li din it-tieni interpretazzjoni tal-Kummissjoni intimata kienet rezultat jew prodott ta' sitwazzjoni ta' paniku, in segwitu tar-rimarki mill-President tal-M.A.M. u l-appell illi sar mill-kjamati in kawza.*

*"Infatti, rinfaccata bir-rimarki tal-President M.A.M. u l-appell illi sar mill-kjamati in kawza, il-Kummissjoni intimata ghazlet li tiddikjara lill-attur ineligibbli minflok ma annullat il-process shih, kif ragonevolment u korrettement kien mistenni minnha, u terga' lura biex tfassal mill-gdid kriterji ghas-sejha t'applikazzjoni wara li jsiru l-konsultazzjonijiet necessarji. Hija ghazlet minflok illi timponi u tisforza interpretazzjoni tal-Artikolu 29(1) tal-Kap. 464, fuq l-Artikolu 6(e) tas-sejha.*

*"Di piu l-attur fir-raba' talba tieghu, kif ukoll il-kjamati in kawza fir-risposta guramentata taghhom fit-tielet paragrafu, ghar-ragunijiet diamettrikament opposti, iddirigew lil Qorti tordna li l-process ta' selezzjoni jitkompla, skond il-kriterji tas-sejha ghall-applikazzjoni originali.*

*"Din il-Qorti taghraf illi din l-alternattiva ma tistax tigi ikkonsidrata, il-ghaliex l-istess Selection Comittee immexxi mill-Profs. Laferla, hassar u anulla dan il-process ta' selezzjoni.*

*"Il-Qorti taghraf illi sejha originali tal-applikazzjoni ma saritx kif kellha issir. Ir-rekwiziti tas-sejha tal-applikazzjoni kellhom ikunu cari daqs il-kristall u ma jfissrux rekwiziti mandatarji meta fl-aplikazzjoni jidhru li huma alternattivi. Fuq kollox ir-rekwiziti ghandhom ikunu koerenti. Illi in oltre l-kamp mediku legali biz-zmien sar ta' certu komplessità u dan ifisser li dawn l-applikazzjonijiet kellhom jghaddu mill-gharbiel tal-*

*konsulent legali wara pariri mill-M.A.M.*[4] *u A.S.M. sabiex ikunu konsonanti mal-ligi tal-pajjiz, mal-prassi medika u mal-htigijiet tac-cittadin. Din il-hidma kellha ssir* ***qabel ma johorgu*** *sejhiet tal-applikazzjonijiet (mhux wara). Forsi wasal iz-zmien ukoll illi jsir ripensament ta' nomenklatura tat-tobba fl-isptar sabiex jitnaqqsu d-dizgwidi.*

*"Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccenna ghall-fatt li l-attur, bhala cittadin, ma jistax jigi punit ghan-nuqqasijiet tal-istess Gvern: kien l-istess Gvern li naqas li jassikura li jinzammu Exit Exams b'mod ragjonevoli meta dan kien jehtieg; lanqas ma jista' jigi impunit l-attur meta kien il-Gvern li jiddilunga ghal diversi xhur, biex jirregistra lill-attur bhala specjalista fir-Registru appozitu meta dan kien ghadda mill-Exit Exam.*

*"Illi skond ix-xhieda jidher illi l-attur kien lesta mill-istharrig* [*recte: taħriġ*] *tieghu fis-sena 2007 u* ***li fl-assenza tan-nuqqasijiet tal-Gvern fuq indikati****,* ***l-attur kien ikun eligibbli anki taht l-Artikolu 29(1) tal-Kap.464, billi jkun registrat u jkollu tlett snin esperjenza.*** *Il-gustizzja tirrikjedi illi jkun hemm a level playingfield ghal applikanti kollha.*

*"Din il-Qorti tippreciza illi hija m'hijiex behsiebha tuzurpa xi funzjoni jew l-operat tal-Kummissjoni. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti tissindika kif gew evalwati l-kwalifiki tal-applikanti fil-process ta' selezzjoni, kif, u ghal liema ragunijiet tqassmu l-marki. Din m'hijiex il-funzjoni tal-Qorti kif preseduta.*";

3. Il-Kummissjoni intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "KSP") ħassitha aggravata mis-sentenza appellata u b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-25 ta' Novembru, 2013, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tilqa' l-appell tagħha billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

4. L-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-appellat") laqa' għall-imsemmi appell b'Risposta mressqa fit-28 ta' Mejju, 2014, li biha u għar-

[4] li minn naha taghha ghandha tkun aktar konxja minn kunflitti t'interess li jistghu jinqalghu fost membri tal-kumitat taghha, f'dan ir-rigward.

raġunijiet hemm imfissrin, qal li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, bi spejjeż għall-KSP;

5. Min-naħa tagħhom, l-imsejħin fil-kawża ma ressqu l-ebda Risposta formali;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet kollha waqt is-smigħ tad-19 ta' Frar, 2019;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi l-każ jirrigwarda sejħa pubblika għall-mili ta' kariga pubblika fil-qasam mediku fi sptar tal-Gvern, kif dehret fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-20 ta' Lulju, 2010. L-appellat ilmenta li, wara li kien mgħarraf li ġie l-ewwel minn fost dawk li tefgħu l-applikazzjoni tagħhom għall-mili tal-imsemmija kariga, il-KSP bagħtet tgħidlu li hu ma kienx jissoddisfa l-kriterji kollha tas-sejħa u għalhekk ma baqax aktar magħżul għaliha. Ir-raġuni miġjuba mill-KSP kienet li isem l-appellat ma kienx imniżżel fir-reġistru tal-ispeċjalisti, kif jitlob l-artikolu 29(1) tal-Att dwar il-

Professjonijiet tas-Saħħa[5], biex wieħed jista' jaħdem jew jagħmilha ta' speċjalista;

10. Illi s-sentenza appellata sabet li l-KSP kienet tat tifsira ħażina għall-kundizzjonijiet tas-sejħa u b'hekk imxiet lil hinn mis-setgħat tagħha w ordnatilha li tkompli bi proċess ġdid ta' għażla "b'dana li l-kriterji rikjesti għall-applikanti għandhom jirreferu għall-istess terminu t'esperjenza indikat fis-sejħa opriġinali, liema esperjenza għandha tiġi kalkolata minn data sussegwenti għal dan il-ġudizzju";

11. Illi l-KSP ressqet **sitt aggravji** mis-sentenza appellata. Dawn jistgħu jinġabru hekk: (i) li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn il-kundizzjonijiet 6(d) u 6(e) fis-sejħa; (ii) li l-ewwel Qorti assumiet ħażin li kienet il-KSP li fasslet il-kundizzjonijiet tas-sejħa; (iii) li l-ewwel Qorti ma qalitx sewwa li hija bidlet id-deċiżjoni tagħha tal-għażla tal-appellat taħt paniku u b'mod '*ultra vires*' meta rabtitha mal-ħtieġa tat-tismija fir-reġistru skond l-artikolu 29(1) tal-Att; (iv) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta dehrilha li l-KSP messha ħassret il-proċess kollu tal-għażla u fasslet sejħa ġdida; (v) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qalet li l-appellat kien ikollu ż-żmien meħtieġ ta' esperjenza li kieku l-awtoritajiet għamlu l-"*exit exam*" minnufih malli temm iż-żmien meħtieġ ta' taħriġ, għaliex fil-fatt iż-żmien li l-appellat kien ilu li temm it-taħriġ ma kienx aktar minn sentejn qabel ma

[5] Att XII tal-2003 (Kap 464)

ħarġet is-sejħa għall-applikazzjonijiet; u (vi) li l-ewwel Qorti ma setgħetx timponi kundizzjonijiet li taħthom kellha titmexxa s-sejħa (ġdida) għall-mili tal-kariga, għaliex b'dan il-mod tkun qiegħda twettaq setgħa li mhix mogħtija lil ebda qorti. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-imsemmija aggravji fl-ordni li saru;

12. Illi dwar l-**ewwel aggravju** l-appellanti tisħaq li ma hemm l-ebda inkompatibiltà bejn dak li ntalab mill-kandidati fil-paragrafu 6(d) tas-sejħa u l-paragrafu 6(e) tal-istess sejħa, u dan għaliex is-sejħa kienet miftuħa mhux biss għal kandidati Maltin jew li jkunu kisbu l-kwalifiki tagħhom f'Malta, iżda wkoll għal kandidati li jkunu kisbu l-formazzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki tagħhom barra minn Malta f'kategoriji magħrufin f'pajjiżi oħrajn u li huma daqstant magħrufa mil-liġi Maltija bħala kwalifiki ekwivalenti. Ladarba l-appellat tħarreġ f'Malta u ma ħadimx barra minn Malta, fil-każ tiegħu ried joqgħod għall-kundizzjonijiet mistennija minn kandidati Maltin li tħarrġu u ħadmu f'Malta, bħalma kienu l-imsejħin fil-kawża, u b'hekk jgħodd għalih dak li jitlob l-imsemmi artikolu 29(1) tal-Att. Din il-ħtieġa tal-liġi ma toħroġx mis-sejħa għall-mili tal-kariga, imma ma tistax issir sejħa bħal dik li ma tkunx taqbel ma' dak li titlob il-liġi;

13. Illi min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li l-ewwel Qorti sabet sewwa meta qalet li t-tifsira mogħtija mill-KSP għall-paragrafu 6(e) tas-sejħa kienet iġġib fix-xejn dak mitlub f'taqsima oħra tal-istess paragrafu. Huwa

jisħaq li kien ilu li laħaq il-kariga ta' *senior registrar in general surgery* sa minn Novembru tal-2007, liema kariga bdiet tkun magħrufa bħala *resident specialist (surgery)* minn Jannar tal-2008 u għalhekk kellu l-kwalifiki kollha mitluba fil-paragrafi 6(d) u 6(e) tas-sejħa. Iżid jgħid li meta l-KSP inqdiet bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29(1) tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta biex sejset id-deċiżjoni tagħha li teskludih mis-sejħa, kienet qiegħda tinjora għal kollox li s-sejħa nnifisha kienet taħseb li isem il-persuna magħżula ma kienx għadu mniżżel fir-reġistru tal-ispeċjalisti. Huwa jfakkar li l-applikazzjoni tiegħu għall-ewwel kienet intlaqgħet u saħansitra, meta sar il-proċess tal-għażla, hu kien spiċċa fuq quddiemnett. Kien biss bl-interpretazzjoni mogħtija arbitrarjament mill-KSP li mbagħad kien mgħarraf li ma kienx baqa' eliġibbli għall-ħatra. L-appellat iqis li b'dan il-mod, il-KSP bidlet minn rajha r-regoli tal-għażla u tat tifsira li ġġib il-kundizzjonijiet tas-sejħa ma jaqblux ma' xulxin;

14. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li taqbel mal-KSP li l-ebda sejħa għall-mili ta' karigi pubbliċi ma tista' tkun taħt kundizzjonijiet li jiksru l-liġi. Taqbel ukoll li sejħa għall-mili ta' kariga ma għandhiex għalfejn issemmi jew tiċċita l-liġi li taħt is-saħħa tagħha tkun ħarġet sejħa bħal dik. Iżżid tgħid li meta l-Qorti tintalab tistħarreġ l-għemil ta' awtorità pubblika, dan tagħmlu billi tqis, fl-ewwel lok, dik l-awtorità kinitx mogħtija mil-liġi s-setgħa li twettaq tali għemil u, jekk kienet mogħtija tali setgħa, wettqitux tassew skond dik il-liġi. Dawn huma l-parametri magħrufa tal-istħarriġ

ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv, l-aktar meta jitqajjem ilment li xi awtorità tkun imxiet lil hinn mis-setgħat tagħha (‘*ultra vires*’);

15. Illi dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl tan-natura partikolari tal-azzjoni li tressqet quddiem din il-Qorti u fejn huwa stabilit li f’azzjoni bħal din xogħolha hu li twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b’użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b’mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f’azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta’ “kassazzjoni” tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b’rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;

16. Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta’ stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ għandha tqis is-siwi ta’ għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni

minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[6]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

17. Illi dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll b'mod iżjed partikolari f'dan il-każ fejn l-istħarriġ qiegħed jintalab li jsir fir-rigward tal-KSP li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, m'hijiex suġġetta għall-eżami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni[7]. Xieraq jingħad, iżda, li l-istess Kummissjoni mhijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem[8], u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b)[9];

---

[6] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

[7] Art. 115(a) tal-Kostituzzjoni

[8] Ara, b'eżempju, Kost. **21.1.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXIX.i.1**)

[9] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et.***; App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Portelli vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et***

18. Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li r-raġunament tal-ewwel Qorti kien għal kollox xieraq u korrett u tqis li fil-biċċa l-kbira, l-ebda waħda mill-partijiet ma kellha xi lment dwaru jew imqar ikkontestatu;

19. Illi fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilment sindakabbli jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-eżerċizzju ta' ħatriet li jkun sar ikun milqut minn nuqqasijiet li jivvizzjawh. Jekk minħabba dawk in-nuqqasijiet jintlaqtu l-prospetti tal-istess parti fl-għażla tagħha għall-ħatra jew għall-promozzjoni f'dik il-ħatra, il-proċess innifsu tal-għażla jibqa' xorta waħda l-element ewlieni tal-istħarriġ. Il-Qorti ma tkunx b'daqshekk biss qiegħda tieħu fuqha t-tmexxija tal-proċess innifsu jew is-setgħa li twettaq jew ma twettaqx hi stess il-ħatra. Imbagħad jekk mill-provi mressqa joħroġ li tabilħaqq li l-proċess imniedi jkun fih nuqqasijiet li l-liġi ma taċċettahomx, il-proċess kollu jista' jitħassar u dak hu rimedju li l-Qorti tista' tagħti;

20. Illi fil-każ partikolari tas-sejħa mertu ta' din il-kawża, jidher li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu sitta (6) tas-sejħa kienu kumulattivi, fis-sens li l-kandidati riedu juru li jissodisfawhom kollha biex setgħu jkunu eliġibbli għall-għażla għall-ħatra u li dawk il-kundizzjonijiet iridu jinqraw u jinftehmu flimkien. Madankollu, fejn jidħlu l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 6(d), kien biżżejjed li l-kandidat jissodisfa mqar wieħed mit-tliet kriterji hemm imsemmija. Fil-każ tal-appellat, jirriżulta li huwa kien

bla dubju jissodisfa l-kriterju taħt il-paragrafu 6(d)(i) tas-sejħa. Il-qofol tal-kwestjoni li nqalgħet f'dan il-każ kienet jekk il-kundizzjonijiet mitluba fil-paragrafu 6(d) tas-sejħa (b'mod partikolari dik fil-paragrafu 6(d)(iii)) kinitx toqgħod mal-kundizzjoni mitluba fil-paragrafu 6(e);

21. Illi l-Qorti tqis li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħid l-appellat, il-liġi tfisser b'mod ċar x'tifhem bil-kelma '*speċjalista*' meta tgħid li dik il-kelma "tfisser professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fit-taqsima adatta tar-reġistru tal-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill rilevanti skond dan l-Att"[10]. Dan ifisser li l-għarfien tal-grad ta' speċjalista jintrabat mat-tismija fir-reġistru xieraq tal-isem ta' dak li jkun. Hekk ukoll jistabilixxi l-artikolu 29 tal-istess Att, li fuq is-saħħa tiegħu l-KSP tenniet il-fehma tagħha li l-appellat ma kienx eliġibbli għas-sejħa li saret. L-ewwel Qorti sabet li l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 6(e) tas-sejħa kienet tħaddmet ħażin mill-appellanti KSP u kienet saħansitra kontradetta minn waħda mill-kundizzjonijiet mitluba fil-paragrafu 6(d) tal-istess sejħa li kienet tindika bħala eliġibbli dak il-kandidat li ismu ma jkunx għadu tniżżel f'reġistru ta' speċjalisti, imma jkun "approvat" li hekk isir. Min-naħa l-oħra, li kieku l-kundizzjoni taħt il-paragrafu 6(e) kienet tfisser biss it-tħaddim tar-regola fl-artikolu 29(1) tal-Att, ma kien jagħmel l-ebda sens li tiddaħħal ukoll il-kundizzjoni fil-paragrafu 6(d)(ii) tas-sejħa, li kienet tgħid l-istess ħaġa;

[10] Art. 2 tal-Kap 464

22. Illi l-Qorti tqis li fl-eżerċizzju li sar mill-Bord tal-Għażla – u li l-KSP jidher li għall-bidu aċċettatu u saħansitra approvatu[11] – il-fatt li l-appellat ma kienx għad għandu ismu mniżżel fir-reġistru partikolari ma kienx ta' xkiel għall-eliġibilità tiegħu fis-sejħa li nħarġet, tant li kienet sabet li l-appellat kien ġie l-ewwel fost dawk li applikaw. Il-bidla fil-fehma seħħet wara li l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta u l-imsejħin fil-kawża ikkontestaw ir-riżultat. Il-Qorti tqis ukoll li l-paragrafu 6(e) tas-sejħa jitkellem dwar kandidat li jista' juri li kellu "sentejn esperjenza *full-time*" bħala speċjalist. Li kieku dik il-kundizzjoni kienet marbuta biss mat-tismija ta' isem il-kandidat fir-reġistru partikolari, tkun biċċa xogħol iebsa biex tfisser għaliex, f'paragrafu ieħor tas-sejħa[12], il-kandidati ntalbu jissostanzjaw il-kwalifiki u l-esperjenza bit-tressiq ta' ċertifikati u/jew dokumenti. Kif ingħad aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti tqis li l-kundizzjonijiet tas-sejħa jridu jinqraw u jitħaddmu b'mod li jinbnew ma' xulxin u mhux b'mod li l-waħda tfarrak lill-oħra. Wara kollox, dan huwa prinċipju li l-liġi nnifisha tħarsu meta titkellem dwar it-tifsir ta' kuntratti[13];

23. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-KSP li, f'kull każ, ma kienx għadhom għaddew sentejn minn meta l-appellat ingħata ċ-ċertifikat li kien temm b'suċċess it-taħriġ tiegħu, qabel ma ressaq l-applikazzjoni tiegħu għas-sejħa. Dan tgħidu għaliex fil-paragrafu 6(d)(i)

---

[11] L-ittra tal-KSP tal-20 ta' Jannar, 2011, tgħid b'mod ċar li lill-appellat kienet qiegħda tibgħatlu kopja tal-"approved result" Dok "RC2", f'paġ. 17 tal-proċess
[12] §10.1
[13] Ara art. 1008 tal-Kap 16

is-sejħa ma timponi l-ebda żmien li fih wieħed ried ikun ilu li temm b'suċċess tali taħriġ. Il-fatt hu li l-appellat kien temm il-proċess tat-taħriġ sa Ġunju tal-2009[14], u kien kiseb iċ-ċertifikat meħtieġ dwar it-temm b'suċċess tat-taħriġ fi żmien qabel ma ressaq l-applikazzjoni tiegħu għas-sejħa[15] (għalkemm l-imsejħin fil-kawża donnhom iqajmu dubju dwar dan, billi jgħidu li ċ-ċertifikat inħareġ wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet[16]). Skond is-sejħa, l-applikazzjonijiet minn kandidati minn Malta kellhom jitressqu sa mhux aktar tard mit-13 ta' Awwissu, 2010[17];

24. Illi, min-naħa l-oħra, l-appellat ressaq provi biżżejjed biex juru li, sa minn Novembru tal-2007[18], kien inħatar mill-Gvern bħala Reġistratur Anzjan (Kirurġija Ġenerali) u sa minn Ġunju tal-2008[19], assimilat fil-grad ta' *Resident Specialist (Surgery)* bis-saħħa tal-ftehim industrijali settorali li sar bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta. Hemm ċirkostanza oħra partikolari li tikkaratterizza dan il-każ: għalkemm l-appellat kien ilu sa mill-2007 maħtur bħala Reġistratur fit-taqsima tal-Kirurġija Ġenerali, ma kienx qabel Ġunju tal-2010 li tressaq għall-"*exit exam*" li bis-saħħa tiegħu, jekk jgħaddi, kien jista' jitlob li ismu jitniżżel fir-reġistru tal-ispeċjalisti. Għalkemm l-artikolu 29 jagħmilha ċara li t-tniżżil ta' isem fir-

[14] Xhieda ta' Mr Gordon Caruana Dingli, f'paġġ. 376 u 383 tal-proċess
[15] Ara d-Dok "RB8", f'paġ. 237 tal-proċess
[16] Xhieda tal-appellat fil-kontro-eżami f'paġġ. 191 – 3 tal-proċess
[17] Dok "RB9", f'paġ. 245 tal-proċess
[18] Dok "RC4", f'paġ. 21 tal-proċess
[19] Dok "RC5", f'paġ. 22 tal-proċess

reġistru jrid isir fuq talba tal-persuna interessata[20], jidher li talba bħal dik ma tistax issir biss fuq il-fatt ta' kemm-il sena esperjenza jkollha l-persuna, iżda fuq il-fatt li tkun għaddiet l-imsemmi "*exit exam*". Mill-provi ħareġ li l-appellat ma kienx tressaq qabel biex jagħmel l-"*exit exam*" minħabba miżuri amministrattivi, u mhux b'nuqqas jew bi traskuraġni min-naħa tiegħu;

25. Illi l-Qorti żżid tosserva li kienet l-appellanti nnifisha li, f'ittra li bagħtet lill-appellat f'Novembru tal-2011[21], qaltlu li "*Where it is permitted by law, the Commission is prepared to make allowances for candidates who fail to satisfy the requirements of a call for applications as a result of administrative delays which are no fault of their own*". Madankollu, dehrilha li f'dan il-każ ma setgħetx tħaddem tali diskrezzjoni minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 29(2) tal-Att. F'dan il-każ, il-KSP qalet li kellha jdejha marbutin li ma tqisx iż-żmien li l-appellat serva bħala Reġistratur bħala żmien li serva ta' speċjalista ladarba ismu ma kienx imniżżel fl-appożitu reġistru;

26. Illi wara li l-Qorti ħasbet sewwa fuq din il-ħaġa u qieset il-każ fuq il-prinċipji hawn fuq imsemmija, hija tasal għall-fehma li l-aggravju tal-KSP mhuwiex mistħoqq. Ir-raġuni ewlenija li twassal lil din il-Qorti għal din il-fehma hija l-istess waħda li wasslet lill-ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni

[20] Art. 29(4) tal-Kap 464
[21] Ara Dok "RC7", f'paġ. 29 tal-proċess

tagħha fis-sentenza appellata. Jekk wieħed kellu jimxi ma' dak li l-KSP irraġunat wara li diġà kienet approvat ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla, ifisser li t-tifsira mogħtija minnha kienet iġġib bidla fil-kriterji tal-eliġibilità mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet u mhux it-tħaddim xieraq u uniformi tagħhom. Fit-tieni lok, kienet tifsira li ma toqgħodx ma' kundizzjoni oħra tal-istess sejħa fejn il-ħtieġa tar-reġistrazzjoni tal-isem ma kinitx mitluba u lanqas meħtieġa. Min-naħa l-oħra, li kieku t-tifsira tal-paragrafu 6(e) tas-sejħa kienet tintrabat mal-esperjenza tal-kandidat fil-qasam (aktar milli mal-formalità tat-tniżżil ta' isem fir-reġistru tal-ispeċjalità), din kienet tkun tifsira kompatibbli mal-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa kif magħmula;

27. Illi l-Qorti tqis li l-KSP għażlet ukoll li ma taċċettax ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla u li tħassru. Dan hija tista' tagħmlu għaliex jaqa' sewwasew fis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi[22]. Madankollu, minflok ħassret il-proċess kollu tal-għażla, għażlet li tħassar biss ir-riżultat, u dehrilha li kien biżżejjed li tibdel il-Bord tal-Għażla ta' qabel ma' Bord ġdid li kellu jimxi fuq l-istess applikazzjonijiet li kienu diġà tressqu u fuq l-istess sejħa, ħlief li kellu jinterpreta l-paragrafu 6(e) tas-sejħa bħala ż-żmien li l-kandidat kien ilu mniżżel fir-reġistru tal-ispeċjalisti u mhux skond kemm-il sena ta' esperjenza l-kandidat seta' kellu fil-qasam[23]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja ta' mġiba kienet tixhed bidla fundamentali – żgur negattiva fil-

---

[22] Reg. 17(e) tar-Regolamenti tal-Kummissjon dwar is-Servizz Pubbliku (A.L. 32 tal-1960, kif emendat)(L.S. Kost. 01). Ara wkoll App. Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Daniel Grixti Soler et vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et***

[23] Dok "PSC002", f'paġġ. 46 – 7 tal-proċess

konfront tal-appellat – tal-kundizzjonijiet tas-sejħa li ttenni t-tifsira mhux xierqa tal-kriterji tal-għażla minflok tindirizzahom biex jitħaddmu b'mod koerenti. Kienet għalhekk linja ta' mġiba li tmur lil hinn mir-raġonevolezza mistennija minn awtorità pubblika f'ċirkostanza bħal din u f'eżerċizzju ta' ħatra pubblika ta' din l-għamla;

28. Illi, b'żieda ma' dan, il-KSP għażlet li tinterpreta l-liġi u mhux biss li tħaddimha. Il-Qorti ssib li bit-tifsira l-ġdida li hija tat lill-paragrafu 6(e) tas-sejħa wara li ħassret ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla, il-KSP assumiet funzjoni li ma kinitx tagħha u, għalkemm hija tgħid li mxiet fuq is-saħħa ta' parir legali li ngħatalha, ġabet b'hekk tħaddim konfliġġenti tal-kundizzjonijiet mitluba fl-istess sejħa fi stadju wara li kienet saret l-għażla mill-Bord. Il-Qorti tifhem li din il-qagħda nħalqet ukoll għaliex il-Bord innifsu naqas li jiċċara l-mistoqsijiet li ressqitlu l-KSP wara l-ilmenti li saru mill-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta u mill-imsejħin fil-kawża appellati hekk kif ħareġ ir-riżultat, u wkoll li l-istess Bord ma baqax isostni aktar ir-riżultat maħruġ minnu stess. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, dan ma kien jagħti l-ebda setgħa lill-KSP li f'dak l-istadju tibdel it-tifsira ta' waħda mill-kundizzjonijiet tas-sejħa. Il-fatt li wettqet din il-bidla jixhed li dik il-kundizzjoni partikolari ma kinitx maħsuba li titfisser b'dak il-mod sa mill-bidu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tapprezza s-sottomissjoni mressqa mill-imsejħin fil-kawża quddiem l-ewwel Qorti[24], fejn qalu li l-kundizzjoni 6(e)

[24] Ara § 16 tan-Nota taż Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 486 tal-proċess

tas-sejħa għall-applikazzjonijiet ma kinitx tħalli lok għal interpretazzjoni. Dan ifisser li filwaqt li kien ikun raġonevoli li l-KSP jagħti lill-Bord tal-Għażla struzzjonijiet dwar it-tħaddim u t-tifsir tal-kundizzjonijiet tas-sejħa qabel ma nbeda l-proċess tal-għażla, ma kienx aktar raġonevoli li dan isir wara li dak il-proċess kien twettaq u r-riżultat inħareġ u tħassar. Din ir-regola ta' mġiba tgħodd ukoll minkejja li l-kundizzjonijiet tas-sejħa tfasslu mid-Dipartiment u kienu approvati (wara bidliet) mill-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta, u mhux mill-istess KSP, għaliex meta nħarġu u xxandru kienet il-KSP li ħabbrithom;

29. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' dan l-ewwel aggravju għaliex mhuwiex mistħoqq u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

30. Illi fit-**tieni aggravju tagħha** l-KSP tilminta li l-ewwel Qorti qieset li kienet il-Kummissjoni li fasslet is-sejħa pubblika għall-mili tal-kariga, u li naqset meta bidlet it-tifsira li kellha tingħata lill-kundizzjoni 6(e) tal-istess sejħa. Hija tgħid li hija ma ndaħlet xejn lill-Bord tal-Għażla dwar kif imexxi l-proċess tal-għażla u lanqas biss kellha rappreżentant tagħha f'dak il-Bord. Xogħolha beda meta, wara li ħareġ ir-riżultat, tressqu l-ilmenti mill-Assoċjazzjoni Medika u mill-imsejħin fil-kawża u mbagħad kellha bilfors tagħti t-tifsira tagħha tal-kundizzjonijiet tas-sejħa. Biex għamlet hekk, ma setgħetx ma tagħtix każ x'tgħid il-liġi u ladarba l-liġi torbot il-kwalità ta'

speċjalist mat-tniżżil tal-isem fir-reġistru tal-ispeċjalizzazzjoni, ma kienx hemm l-ebda għemil *ultra vires* min-naħa tagħha f'dak li għamlet. Temmet tgħid li l-kriterji tal-għażla mniżżlin fis-sejħa kienu kollha mistħoqqa u konformi mal-liġi u kienet fis-setgħat tagħha meta qatgħetha li ssib li, fil-każ tal-appellat, ma kinux tħarsu l-kriterji kollha biex jagħmluh eliġibbli li jikkonkorri fis-sejħa;

31. Illi għal dan l-aggravju, l-appellat jilqa' billi jgħid li huwa immaterjali min fassal il-kundizzjonijiet tas-sejħa, għaliex kienet l-appellanti KSP li xandrithom u adottathom f'sejħa pubblika maħruġa taħt l-awtorità tagħha. Kienet hija wkoll li ħatret il-Bord tal-Għażla u, għall-bidu, aċċettat ir-riżultat maħruġ wara l-proċess tal-għażla. Huwa jżid jgħid li kienet il-KSP li qatgħetha li l-esperjenza li huwa kellu bħala "*resident specialist*" ma kinitx ir-rekwiżit li għalih jirreferu l-paragrafu 6(e) tas-sejħa u kienet hi li, wara li tħassar ir-riżultat tal-għażla, rabtet dik il-kundizzjoni mal-artikolu 29(1) tal-Att. Safejn il-KSP terġa' tqajjem is-setgħa tal-ewwel Qorti li tistħarreġ l-aġir tagħha, l-appellat jgħid li l-liġi nnifisha tagħti lill-Qrati setgħat li jistħarrġu l-għemil tal-istess Kummissjoni;

32. Illi l-Qorti tagħraf li ħareġ mill-provi li l-kundizzjonijiet tas-sejħa tfasslu mid-Dipartiment u li l-abbozz ta' din is-sejħa ntbagħat għall-eżami tal-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta qabel ma ntbagħtet l-aħħar verżjoni tagħha lill-KSP, kif jidher li jiġri regolarment minħabba l-ftehim settorali

bejn l-istess Dipartiment u l-imsemmija Assoċjazzjoni. Iżda lil hinn minn dan, din il-Qorti ma tarax x'għandha x'tirbaħ il-KSP b'dan l-aggravju. Kif ingħad qabel, mhuwiex daqstant min kien l-awtur tas-sejħa, daqskemm il-fatt li, fl-aħħar mill-aħħar, is-sejħa nħarġet mill-istess appellanti u l-proċess kollu tmexxa taħt ir-responsabbiltà tagħha;

33. Illi għall-finijiet tal-kawża tallum, il-kwestjoni kollha kienet tirrigwarda kif il-KSP mxiet dwar l-imsemmija sejħa u jekk b'xi mod u f'xi waqt qabżitx is-setgħat tagħha bil-mod kif imxiet. Għalkemm ma kinitx hi li fasslet il-kundizzjonijiet tas-sejħa, kienet hi li dehrilha li, wara li ħassret ir-riżultat, kellha tagħti interpretazzjoni partikolari lil waħda mill-kundizzjonijiet tas-sejħa. Kienet din id-deċiżjoni li nisslet il-proċeduri ġudizzjarji li l-appellat ressaq, u kienet din id-deċiżjoni li s-sentenza appellata iddeċidiet dwarha;

34. Illi l-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kellha s-setgħa li tistħarreġ dak l-għemil tal-KSP u f'dan ir-rigward ittenni biss dawk il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, bla ma toqgħod terġa' ssemmihom[25]. Għalhekk, safejn dan l-aggravju jirrigwarda lment li l-ewwel Qorti ma kellhiex setgħa li tistħarreġ dik id-deċiżjoni, din il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex tajjeb u ma tistax tilqgħu;

[25] §§ 15 sa 17 *supra*

35. Illi fit-**tielet aggravju tagħha** l-KSP tgħid li l-ewwel Qorti ma qalitx sewwa meta waslet għall-fehma li l-Kummissjoni kienet aġixxiet *ultra vires* u tat direzzjoni ġdida dwar it-tħaddim tal-kundizzjoni 6(e) meta kienet taħt "paniku". Hija tgħid li kienet waħda mill-funzjonijiet tagħha skond il-Kostituzzjoni li tqis oġġezzjonijiet li jsiru minn konkorrenti minn riżultati f'sejħat pubbliċi għall-mili ta' karigi, u l-fatt li għażlet li tagħti dik it-tifsira ma kienet bl-ebda mod lil hinn mis-setgħat tagħha skond il-liġi u lanqas li dan sar taħt paniku. Għall-appellanti, dan jixhed li l-ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li tressqu quddiemha;

36. Illi l-appellat jistqarr li huwa qatt ma lmenta li l-KSP ma kellhiex setgħat li tistħarreġ oġġezzjonijiet minn konkorrenti għal xi riżultat tal-proċess ta' għażla. Madankollu, huwa jikkontesta li l-appellanti setgħet tagħti tifsira ħażina tal-liġi li mhix konformi mal-prattika tas-sejħa. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti dan qisitu sewwa u tatu raġun. Huwa jtemm jgħid li, safejn dan l-aggravju jipprova jattakka d-diskrezzjoni tal-apprezzament tal-fatti mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma għandhiex raġunijiet tajbin u serji biex iwassluha tissostitwixxi hi dik id-diskrezzjoni b'tagħha;

37. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jintrabat mal-ewwel wieħed u għalhekk, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni, tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li saru f'din is-sentenza aktar qabel dwar dak l-

aggravju[26]. Minn dawk il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti kienet waslet għall-fehma li, bil-mod kif il-KSP fissret il-kundizzjoni 6(e) tas-sejħa, kienet imxiet *ultra vires* kemm f'dak li jirrigwarda r-raġonevolezza tal-kunsiderazzjoni u kif ukoll il-mod u l-waqt li bih waslet għal dik id-deċiżjoni. Ukoll jekk il-KSP ħarġet bid-direttiva l-ġdida dwar it-tħaddim tal-imsemmija kundizzjoni bħala parti mis-setgħat tagħha f'kull proċess tal-għażla, il-fatt li ma kinitx taħt paniku meta għamlet hekk ma jnaqqas xejn min-nuqqasijiet ravviżati mill-ewwel Qorti u minn din il-Qorti f'dak l-għemil. Din il-Qorti żżid ukoll li ma jidhrilhiex li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin jew irraġonevoli tal-fatti li tressqu quddiemha mill-partijiet, u għalhekk ma ssibx li dan l-aspett tal-aggravju tal-KSP f'dan ir-rigward huwa tajjeb;

38. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju mhu sejjer jintlaqa';

39. Illi bir-**raba' aggravju** l-KSP tgħid li l-ewwel Qorti naqset meta waslet għall-fehma li hija kellha tannulla l-proċess tal-għażla kollu u tfassal sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet. Tgħid li ma kien hemm l-ebda kontradizzjoni bejn il-kundizzjoni tas-sejħa kif imniżżlin fil-paragrafu 6(d) u dik fil-paragrafu 6(e) tas-sejħa;

[26] §§ 19 sa 28 *supra*

40. Illi l-appellat jgħid li l-ewwel Qorti kellha kull setgħa li tħassar is-sejħa ladarba l-KSP baqgħet twebbes rasha dwar it-tifsira li kellha tingħata lill-kundizzjoni 6(e) tas-sejħa, u l-fatt li għadha qiegħda tiggranfa ma' dik it-tifsira jixhed kemm kellha raġun l-ewwel Qorti li tagħti l-provvediment li tat;

41. Illi f'dan ir-rigward, ikun xieraq li l-Qorti tqis tabilħaqq x'inhu li iddeċidiet l-ewwel Qorti, għaliex appell isir mill-parti dispożittiva tas-sentenza appellata u mhux minn dik deliberattiva[27]. Fil-parti dispożittiva jew operattiva, is-sentenza appellata laqgħet l-ewwel talba attriċi (dik fejn l-attur talab li jitqies li l-KSP imxiet *ultra vires*), ċaħdet it-tieni talba (dik fejn intalab li l-kriterji tal-eliġibilità li kellhom jgħoddu kienu dawk ippubblikati fis-sejħa oriġinali ta' Lulju tal-2010), laqgħet it-tielet talba (li l-attur appellat kien eliġibbli li jikkonkorri fis-sejħa) u laqgħet f'parti r-raba' talba (li kienet titlob li l-proċess tal-għażla jissokta skond il-kriterji pubblikati fis-sejħa oriġinali);

42. Illi ladarba l-ewwel Qorti sabet li l-KSP imxiet b'mod *ultra vires*, kien mistenni li f'azzjoni bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju l-effett ta' sejbien bħal dak iwassal biex iġib ma tiswiex kull deċiżjoni meħuda f'dawk iċ-ċirkostanzi. Tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li taħt stħarriġ kienet id-deċiżjoni meħuda mill-KSP (u mfissra fl-ittra tagħha tal-10 ta'

[27] App. Ċiv. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Robert Hornyold-Strickland vs Allied Newspapers Ltd. et***

Novembru, 2011) li tħassar ir-riżultat tal-għażla u twaqqaf Bord tal-Għażla ġdid biex jikkunsidra l-kandidati kollha (magħdud l-attur appellat) li kienu applikaw fis-sejħa oriġinali bl-istess kundizzjonijiet tas-sejħa oriġinali, imma billi jagħti tifsira partikolari lill-kundizzjoni 6(e) kif ingħad qabel. Ma kien hemm l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar il-mod kif kienu tqassmu l-marki tal-konkorrenti u x'kejl intuża mill-Bord biex wasal għar-riżultat li, mbagħad, tħassar. Daqstant ieħor siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li la l-attur appellat, la l-KSP u lanqas l-imsejħin fil-kawża ma talbu t-tħassir kollu tal-proċess tal-għażla. Għall-kuntrarju, l-imsejħin fil-kawża jisħqu li l-proċess imissu jissokta taħt il-kundizzjonijiet tas-sejħa oriġinali bla bdil ta' xejn (imma bl-appellat meqjus bħala ineliġibbli biex jikkonkorri aktar);

43. Illi għalhekk, la ma saritx talba għat-tħassir għal kollox ta' dak li kien sar sa dakinhar li ttieħdet id-deċiżjoni mistħarrġa mill-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma setgħetx tħassar il-proċess kollu, imma biss dik id-deċiżjoni. Li kieku mxiet mod ieħor, kienu tkun iddeċidiet *ultra petita*. Kemm hu hekk, l-ewwel Qorti ma ħassritx is-sejħa pubblika li saret. Għalhekk, ma jidhirx li l-aggravju tal-KSP f'dan ir-rigward huwa mistħoqq. Hawnhekk ukoll, jekk l-aggravju jinbena fuq xi "*obiter dictum*" li sar mill-ewwel Qorti fil-parti deliberativa tas-sentenza appellata, dan ma jagħtix bażi għal aggravju ta' appell. Ladarba l-ebda parti mid-dispożittiv tas-sentenza ma jgħid li l-

proċess kellu jitħassar u jinbeda mill-ġdid, l-aggravju ma jistax jintlaqa' lanqas;

44. Illi fil-**ħames aggravju** tagħha l-KSP tgħid li l-appellat qatt ma seta' jkollu s-sentejn esperjenza mitluba fil-kundizzjoni 6(e) tas-sejħa, għaliex hu kien temm it-taħriġ tiegħu fl-2009 u għalhekk meta għalqet is-sejħa ma kellux is-sentejn esperjenza mitluba f'dik il-kundizzjoni. Hija tilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa din iċ-ċirkostanza fattwali;

45. Illi għal dan l-aggravju l-appellat iwieġeb billi jgħid li l-ewwel Qorti kienet sabet li huwa kien ħares dak mitlub fil-paragrafu 6(d)(i) tas-sejħa u li dak kien biżżejjed biex jagħmlu eliġibbli biex jieħu sehem fil-konkors. Dwar il-kwestjoni tas-sentejn esperjenza taħt il-paragrafu 6(e), huwa jgħid li dan ir-rekwiżit kien ħarsu wkoll għaliex, fil-fatt, qabel tefa' l-applikazzjoni tiegħu kien wettaq żmien ta' xogħol biżżejjed sa minn snin qabel fil-kwalità tiegħu ta' "*resident specialist*";

46. Illi l-Qorti tqis li dwar iċ-ċirkostanza ta' meta l-appellat temm it-taħriġ tiegħu, din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha[28], u ttenni li l-kundizzjoni 6(d)(i) imkien ma kienet timponi xi żmien li fih l-applikant ried ikun ilu li temm it-taħriġ tiegħu qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet. Madankollu, jidher li l-aggravju tal-KSP jintrabat mal-kundizzjoni 6(e) tas-

[28] Ara § 23 *supra*

sejħa, għaliex tgħid li jekk tassew li l-appellat temm it-taħriġ tiegħu fl-2009, ma setax ikun li kien jissodisfa l-kundizzjoni li kien ilu minn tal-anqas sentejn b'esperjenza għall-finijiet ta' dik il-kundizzjoni sa qabel id-data tal-għeluq tas-sejħa, u għalhekk żgur li ma kienx joqgħod taħt dik il-kundizzjoni;

47. Illi hawn ukoll terġa' tqum il-kwestjoni dwar it-tifsira xierqa li messha ngħatat lill-kundizzjoni fil-paragrafu 6(e). Hawnhekk ukoll il-Qorti ssib li trid timxi ma' dak li ikkunsidrat aktar 'il fuq dwar din il-ħaġa[29]. Mill-provi ħareġ li, sa mill-2007, l-appellat kien mogħti mill-Gvern il-ħatra ta' "*senior registrar*" fil-kirurġija ġenerali b'sena prova. F'dik l-istess sena, bis-saħħa tal-ftehim settorali li ntlaħaq bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta fil-bidu ta' Novembru tal-2007, il-grad ta' "*senior registrar*" kien assimilat fil-grad ta' "*resident specialist*" fil-kirurġija ġenerali. Tressqu provi li l-appellat wettaq bla xkiel ix-xogħol li ġġib miegħu dik il-ħatra. Fiċ-ċirkostanzi partikolari li kien hemm dak iż-żmien, l-appellat wettaq ukoll it-taħriġ meħtieġ biex seta' jikseb iċ-ċertifikat tal-i*Special Accreditation Committee*. Dak iċ-ċertifikat kien meħtieġ biex l-appellat seta' jitlob li ismu jiddaħħal fir-reġistru tal-ispeċjalisti ta' dik il-kategorija. Imma jekk it-tifsira xierqa li messha tingħata lill-kundizzjoni 6(e) tas-sejħa riedet tkun waħda li tagħmilha kompatibbli mal-kundizzjonijiet l-oħrajn tas-sejħa, l-appellat wera wkoll li, sa qabel id-data tal-għeluq tas-sejħa, kien seħħlu

[29] Ara § 24 *supra*

jwettaq minn tal-anqas sentejn esperjenza *full-time* f'dan il-qasam qabel ma tefa' l-applikazzjoni tiegħu taħt is-sejħa. Dan ifisser li, l-appellat jgħid sewwa li din il-kundizzjoni kien ħarisha wkoll, u din il-fehma wrietha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

48. Illi għalhekk din il-Qorti ma ssibx li dan l-aggravju tal-KSP huwa tajjeb u mhix sejra tilqgħu;

49. Illi fis-**sitt aggravju** tagħha l-KSP tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li, wara li ordnat li l-proċess tal-għażla jsir mill-ġdid, imponiet kundizzjoni li l-istess terminu ta' esperjenza msemmi fis-sejħa oriġinali kellu jibda jitqies minn data sussegwenti għal dik li fiha ngħatat is-sentenza appellata. Tgħid li b'dan il-mod, l-ewwel Qorti bidlet lilha nnifisha fil-Kummissjoni li, bil-liġi, hija waħedha għandha s-setgħa li tistabilixxi l-kundizzjonijiet tas-sejħa pubblika għall-mili ta' karigi fis-servizz pubbliku. Minbarra dan, tkompli tgħid li jekk il-kejl tal-kriterju tal-esperjenza kellu jitqies kif ordnat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jiġi li ħadd mill-konkorrenti ma kien se jkun f'qagħda li jwettaq il-kriterju tal-esperjenza mitlub fis-sejħa;

50. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju wkoll u jgħid li l-ewwel Qorti kellha kull jedd li tiddeċiedi dwar il-kriterji li jgħoddu għas-sejħa u li tagħti

provvedimenti dwar il-ħarsien u t-tħaddim tagħhom. Jisħaq li l-ewwel Qorti żammet mal-mansjonijiet tagħha;

51. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa tajjeb. Din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha[30] dwar x'inhu dak li għandha tagħmel qorti ta' stħarriġ ġudizzjarju meta ssib li xi għemil amministrattiv ikun twettaq lil hinn mis-setgħat mogħtija jew inkella mhux kif messu. Hija tal-fehma li jekk l-għemil kien jirrigwarda s-sejħa oriġinali ta' Lulju tal-2010, u t-tifsira u t-tħaddim xieraq tal-kundizzjonijiet ta' dik is-sejħa, ma jidhirx xieraq li s-sentenza appellata kellha timponi terminu ġdid minn mindu kellha tibda titqies l-esperjenza tal-konkorrenti. Dan qiegħed jingħad l-aktar għaliex il-kwestjoni fil-qofol tagħha bejn il-partijiet kienet waħda li tirrigwarda l-eliġibilità tal-konkorrenti fiż-żmien li tefgħu l-applikazzjoni tagħhom għas-sejħa;

52. Illi l-Qorti żżid tgħid li l-partijiet kollha wkoll jaqblu li l-proċess għandu jitkompla fuq is-saħħa tas-sejħa magħmula f'Lulju tal-2010 u bla bdil ta' kundizzjonijiet. Din il-Qorti ma tarax għalfejn kellha tiddaħħal xi kundizzjoni ġdida dwar il-kejl tal-kriterji, meta nstab li n-nuqqas tal-appellanti kien sewwasew meta ippruvat tibdel it-tħaddim ta' waħda minnhom wara li l-proċess kien inbeda. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, għall-finijiet tar-raba' talba attriċi jkun xieraq li l-Qorti tordna li l-proċess

[30] §§ 15 – 6 *supra*

tal-għażla jissokta taħt is-saħħa u bl-istess kundizzjonijiet tas-sejħa oriġinali u bit-tifsira tal-kundizzjonijiet dwar l-eliġibilità tal-konkorrenti kif imfissra mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u f'din is-sentenza. Kemm il-KSP u kif ukoll il-Bord tal-Għażla li se jkollu jinħatar biex itemm dak il-proċess għandhom iħarsu l-kundizzjonijiet ta' dik is-sejħa, u jfissruhom fid-dawl ta' dak determinat f'dawn is-sentenzi. Dak huwa l-mod u dawk huma l-parametri li jridu jitħarsu meta qorti tkun għamlet stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u tkun ħassret dak l-għemil biex jitwettaq mill-ġdid, u jekk l-awtorità pubblika li tkun tagħżel li terġa' twettaq dak l-eżerċizzju[31];

53. Illi għalhekk, dan l-aggravju sejjer jintlaqa' billi l-Qorti tordna li l-proċess tal-għażla mitlub fis-sejħa ta' Lulju 2010 għandu jissokta skond l-istess sejħa u bl-istess kundizzjonijiet, liema kundizzjonijiet għandhom jitfissru u jitqiesu skond kif deċiż fl-ewwel sentenza u f'din u kif kienet il-qagħda sa dakinhar tal-għeluq tal-istess sejħa;

54. Illi fl-aħħarnett, il-Qorti tippreċiża li għalkemm tressqu xi provi u saru xi sottomissjonijiet – l-aktar fl-ewwel istanza – dwar kif tqassmu l-marki tal-kandidati konkorrenti mill-Bord tal-Għażla, din il-kwestjoni ma kinitx tagħmel parti mill-appell tallum. Il-Qorti ma ndaħlet bl-ebda mod dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Għażla dwar kif attribwew il-

[31] App. Ċiv. **16.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Scicluna vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika***

kwalifiki tal-kandidati msemmija, u dan aktar u aktar ladarba l-istess Bord innifsu kien irtira r-responsabbiltà tiegħu għar-riżultat minnu maħruġ. Għalhekk, lil hinn minn dak li jingħad fil-paragrafu ta' qabel, xejn f'din is-sentenza ma għandu jitqies li jorbot jew jikkundizzjona l-evalwazzjoni li l-Bord il-ġdid irid jagħmel meta jqis l-applikazzjonijiet imressqin quddiemu mill-appellat u mill-imsejħin fil-kawża fuq il-meriti rispettivi tagħhom;

***Decide:***

55. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' limitatament l-appell** tal-intimat mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, għall-finijiet tar-raba' talba attriċi tordna li l-proċess tal-għażla mitlub fis-sejħa ta' Lulju 2010 għandu jissokta skond l-istess sejħa u bl-istess kundizzjonijiet, liema kundizzjonijiet għandhom jitfissru u jitqiesu skond kif deċiż fl-ewwel sentenza u f'din u kif kienet il-qagħda sa dakinhar tal-għeluq tal-istess sejħa u b'hekk tirriforma l-imsemmija sentenza appellata safejn laqgħet f'parti l-imsemmija raba' talba fis-sens hawn fuq imsemmi, tikkonfermaha mill-bqija safejn kompatibbli ma' dan li għadu kemm ingħad; u

**Tordna** li, għalkemm l-appell intlaqa' f'parti, l-**ispejjeż** tal-appell terfagħhom il-Kummissjoni appellanti billi r-raġunijiet ewlenija tal-appell ma ntlaqgħux, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr